MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 41/2008

Korporazzjoni Enemalta

Vs

Joseph Bugeja

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fis-7 ta' Novembru 2008, li permezz tieghu l-korporazzjoni attrici qed titlob li l-konvenut jigi misjub responsabbli tal-hsara minnu kkagunat u li jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' erba' mija u erbgha u sebghin Euro u erba' u tmenin centesimi (€474.84) f'danni li gew sofferti minnha wara li l-konvenut tilef il-kontroll tas-sewqan tal-vettura tieghu li ggib in-numru ta' registrazzjoni BKC-827, f'incident stradali li sehh fl-4 ta' Gunju 2005, fi Triq Tal-Lewz, Sannat, u baqa' diehel go arblu tad-dawl u garrab tant hsarat f'dan l-arblu li kellu jinbidel, liema hsara giet tiswa lill-Korporazzjoni Enemalta s-somma ta' erbgha mija u erbgha u sebghin Euro u erba' u tmenin centesimi (€474.84), li l-konvenut

baqa’ jirrifjuta li jhallas minkejja bosta nterpellazzjonijiet li sarulu.

Bl-imghax legali mid-data tal-incident sad-data tal-hlas, u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-21 ta’ Mejju 2007.

Ra li l-konvenut debitament innotifikata bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh, fit-28 ta’ Dicembru 2009, minkejja li ddikjara fl-udjenza tal-15 ta’ Jannar 2010, permezz tad-difensur legali tieghu l-Avukat Dottor Monica Vella li kien qed jikkontesta t-talbiet tal-korporazzjoni attrici, huwa baqa’ ma pprezentax risposta formali in kontestazzjoni tat-talba attrici, u la hu u lanqas id-difensur tieghu baqghu ma deheru quddiem dan it-Tribunal fl-udjenzi sussegwenti tal-5 ta’ Frar2010, tat-12 ta’ Frar 2010, u tad-19 ta’ Frar 2010.

Fl-udjenza tat-12 ta’ Frar 2010, sama’ lill-Avukat Dottor Joseph Ellis li kkonferma bil-gurament li l-ammont indikat fl-avviz tat-talba ghadu dovut lill-korporazzjoni attrici fl-intier tieghu. Fl-istess udjenza tat-12 ta’ Frar 2010, gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza tad-19 ta’ Frar 2010, dawn il-kapitoli gew miftuha, u fl-assenza tal-konvenut wara li gie debitament imsejjah diversi drabi skond il-ligi, u baqa’ ma deherx, il-kapitoli gew approvati u mehuda bhala li gew mistqarra mill-konvenut.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha esibiti.

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidra :

Illi l-ammont li qed titlob il-korporazzjoni attrici huwa ghall-hlas ta’ arblu tad-dawl u tal-ispejjez li gew inkorsi biex dan kellu jinbidel wara li l-konvenut baqa’ diehel fih wara li tilef il-kontroll tas-sewqan tal-vettura tieghu f’incident stradali li sehh fl-4 ta’ Gunju 2005, fi Triq Tal-Lewz, Sannat, Ghawdex, liema spejjez li gew inkorsi mill-Korporazzjoni ta’ €474.83 jirrizultaw b’mod dettaljat minn statement tal-kont esibit fl-atti, liema danni sofferti l-konvenut baqa’

m’ghamilx tajjeb ghalihom bil-hlas li gie mitlub li jaghmel mill-korporazzjoni attrici.

Ghaldaqstant it-talba tal-korporazzjoni attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa’ t-talba tal-korporazzjoni attrici, u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-Korporazzjoni Enemalta s-somma ta’ erba’ mija u erbgha u sebghin Euro u tlieta u tmenin centesimi (€474.83) f’danni ghar-ragunijiet spjegati fl-avviz tat-talba, bl-imghaxijiet legali b’effett mid-data tal-prezentata tal-avviz tal-talba, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------